MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 566/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Rosaria sive Lucy Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm121.58) rappresentanti prezz ta' merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 6 ta' Gunju 2003 u bl-imghaxijiet mid-data ta'l-ittra ufficjali kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm121.58), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------